MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Numru. 14/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Jacob Grech**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jacob Grech, iben Joseph u Carmen nee` Azzopardi, imwieled Cospicua nhar it-23 ta' Mejju 1955, residenti 24, Triq il-Palm, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 368255(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' April 2005 u matul ix-xhur ta' qabel:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli kiser kundizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-18 ta' Gunju 2003 moghtija mill-Magistrat Dr. S. Demicoli, liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), kif ukoll l-

Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatt fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz, kienu s-segwenti: Fid-9 ta' April 2005, ghall-habta tas-2.00 a.m., waqt li kienu qeghdin isiru xi rondi matul il-lejl gewwa Paceville, u wara li dahlet informazzjoni kunfidenzjali illi gewwa l-istabbiliment Red Square Club kien hemm persuna li kellha d-droga, l-istess pulizija gihom suspett illi l-imputat, li dak il-hin kien qieghed l-istess stabbiliment, seta' kellu xi droga fil-pussess tieghu. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-istess imputat, instab roll tal-*foil* li kien fih ghaxar pilloli suspettati *ecstasy.* Huwa gie arrestat u rrilaxxja stqarrija fl-10 ta' April 2005.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi fl-estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn bojod li huwa inghata sabiex janalizza, instabet is-sustanza 3,4-*Methlyenedioxymethamphetamine (MDMA)* u li n-numru ta'

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 8 *et seq* tal-process), xhieda ta' PS 114 Massimo Persiano (a fol. 21 *et seq* tal-process) u xhieda ta' ex PC 246 Vincent Cesare (a fol. 25 *et seq* tal-process).

pilloli kien ghaxra. Din is-sustanza hija kkontrollata mil-ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.[2]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi m'hemmx dubbju illi l-prosekuzzjoni gabet il-prova tal-ammont u tal-pussess tad-droga in kwistjoni. Id-difiza filfatt m'hijiex qeghda tikkontesta l-pussess tal-pilloli *ecstasy* da parti tal-imputat. Apparti illi l-istess pilloli nstabu fuq il-persuna u kwindi fil-pussess tieghu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-istess imputat jammetti illi dawn kienu tieghu. Dak li qed jigi kkontestat mid-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess pilloli. Ghalhekk a bazi tal-provi mressqa, il-Qorti trid tezamina jekk l-ammont ta' pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat, abbinati mac-cirkostanzi li fihom dawn instabu, humiex tali li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija tal-imputat dwar din l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Kif intqal ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999:

[2] A fol. 40 tal-process.

*"Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*.

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*.

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet ukoll illi:-

*"Li stabilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101[3]"*.

Issa f'dan il-kaz kif inghad izjed il'fuq, l-imputat kien qieghed gewwa l-istabbiliment Red Square Club gewwa Paceville, meta ghall-habta tas-2.00 a.m., PS 114 Massimo Persiano u ex PC 246 Vincent Cesare talbuh sabiex johrog mill-istess stabbiliment u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu,

[3] Il-kaz citat kien jitratta dwar droga erojina.

instabu 10 pilloli *ecstasy.* Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[4], l-imputat qal illi huwa jpejjep il-haxixa u jiehu l-*ecstasy*, illi ilu jpejjep il-haxixa ghal dawn l-ahhar tmienja u ghoxrin sena u ilu jiehu l-*ecstasy* ghal madwar sitt snin. Huwa qal ukoll illi huwa jiehu l-*ecstasy* kull meta johrog u li jiehu zewg pilloli jew inkella anke erbgha jew hames pilloli, jekk ikunu hfief. Dwar il-haxixa, jghid illi jpejjep madwar zewg *joints* kuljum, ghalkemm jekk ma jkollux jaqbez xi gurnata. L-imputat qal illi huwa generalment jixtri l-*ecstasy* mill-*parties*, li jidhol u jitkixxef biex jara min ikun qed ibiegh, izda lilu qatt ma avvicinah hadd biex jistaqsih jekk ghandux *ecstasy* ghall-bejgh.

Dwar ic-cirkostanzi tal-arrest tieghu, huwa qal illi ftit qabel is-2.00 a.m., huwa wasal Paceville flimkien mat-tfajla tieghu u marru gewwa l-istabbiliment Red Square. Dahlu mal-*bar* tan-naha ta' gewwa u ordnaw xi xorb. Qal illi t-tfajla ma kinitx hdejh il-hin kollu ghaliex xi hin marret gewwa l-*cloakroom* u anke marret it-*toilet.* F'xi hin, resaq lejn it-tfajla u qaghdu mal-genb tad-*dance floor*. F'dak il-hin marru zewg pulizija pajzana fuqu u harguh il-barra mill-istabbiliment, fittxewlu u sabulu xi 10 pilloli *ecstasy*. Dwar dawn, huwa spjega illi wara xi kwarta li kien dahal fl-istess stabbiliment, kien mal-*bar* u vicin tieghu kien hemm guvnott li huwa ma kienx jafu izda provda deskrizzjoni tieghu, liema guvnott wrieh li kellu l-*ecstasy* u huwa xtara zewg pilloli minghandu bil-prezz ta' Lm5 il-wahda. L-imputat qal illi huwa bela dawn il-pilloli mill-ewwel, u ftit wara l-iehor hareg stocc tal-*foil* u offrielu l-pilloli li kellu b'erba' liri il-wahda. Qal ukoll illi huwa tah Lm40 u xtara ghaxar pilloli minghandu biex ikollu ghal darbtejn. L-imputat qal illi meta huwa xtara l-pilloli, it-tfajla tieghu ma kinitx qeghda hdejh, izda kienet it-*toilet.* Mistoqsi kemm kien bi hsiebu jdum barra, l-imputat wiegeb illi kien forsi jaghmel sal-hamsa jew is-sitta ta' filghodu.

Fix-xhieda tieghu, PS 114 Massimo Persiano[5] jghid illi x'hin huwa u l-kollega tieghu marru fuq l-imputat gewwa l-istabbiliment imsemmi u haduh il-barra, huma rawh wahdu u ma rawhx jaghmel kuntatt ma' xi terzi persuni. Qal li jekk jiftakar sew, l-imputat kellu tazza f'idu u kien qed jixrob l-alkohol. Fix-xhieda

[4] A fol. 10 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 21 *et seq* tal-process.

tieghu, ex-PC 246 Vincent Cesare[6] qal illi jiftakar li x'hin rawh fl-istabbiliment, l-imputat kien wieqaf, izda ghalkemm jghid illi l-posizzjoni li fiha kien qieghed l-istess imputat kienet suspettuza, ma setax jiftakar ghaliex dakinhar kien dehrlu hekk. Sussegwentement, qal illi l-imputat kien wahdu u kien qisu maqtugh minn man-nies.

Fix-xhieda tieghu, l-espert Godwin Sammut[7] spjega illi l-konsum tal-*ecstasy* ivarja skond il-persuna u l-kontenut tal-istonku, imma l-konsum medju huwa ta' pillola jew tnejn u li l-effett idum tlieta jew erba' sighat.

Illi kif jirrizulta wkoll mit-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni, l-unici cirkostanzi li jistghu jindikaw illi l-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinux ghall-uzu esklussiv tieghu huma tnejn ossia l-ammont ta' pilloli hekk misjuba u l-fatt illi l-imputat instab bihom gewwa stabbiliment f'Paceville, fejn it-tentazzjoni li z-zghazagh jiehdu l-*ecstasy* huwa kbir.

Illi huwa risaput illi l-ammont tad-droga li tinstab hija wiehed mill-fatturi determinanti li l-Qrati jistghu jibbazaw fuqhom il-konsiderazzjonijiet taghhom biex jiddeciedu jekk tali pussess ikunx ghall-uzu esklussiv tal-hati jew inkella jkunx indikattiv li mhux ghall-uzu esklussiv tieghu.[8] Issa ghalkemm ammont ta' ghaxar pilloli m'huwiex ammont negligibbli, biss wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha, ma tqisx illi dan l-ammont kien tali li necessarjament jindika li kien intiz ghall-ispacc jew li ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tal-imputat. L-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi kien ilu jabbuza mill-*ecstasy* ghal madwar sitt snin, li kien jiehu l-*ecstasy* kull meta johrog u li f'dawn l-okkazzjonijiet kien jikkonsma zewg pilloli u gieli anke erbgha jew hamsa jekk ikunu hfief. Ghalhekk il-konsum tal-*ecstasy* da parti tal-imputat kien ilu ghaddej ghal zmien twil u tenut kont tal-ammonti li kien jikkonsma

[6] A fol. 25 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 38 u 39 tal-process.
[8] **Il-Pulizija vs Kevin Bellotti**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Mejju 2007; **Il-Pulizija vs Anthony Frendo**, Qorti tal-Appell Kriminali, 10 ta' April 2008; **Il-Pulizija vs Glen Busuttil**, Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' Jannar 2009.

anke f'lejl wiehed, l-ispjegazzjoni u r-raguni li ta l-imputat fl-istess stqarrija dwar kif huwa kien fil-pussess ta' ghaxar pilloli, jistghu jkunu accettabbli fuq bazi ta' probabbilta` u m'ghandhomx jigu skartati. Il-fatt imbaghad illi huwa nstab bil-pilloli gewwa stabbiliment f'Paceville, minkejja li jqajjem suspett, ma jippuntax necessarjament ghal intenzjoni da parti tal-imputat li jispaccja l-istess, specjalment meta l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccetta l-ispjegazzjoni li ta l-imputat fis-sens illi huwa kien ghadu kif xtara dawn il-pilloli minn gewwa l-istabbiliment li nstab fih. Ix-xhieda tal-espert Godwin Sammut, in oltre, dwar il-konsum medju ta' pilloli *ecstasy* m'hijiex konklussiva fis-sens illi huwa stess spjega illi dejjem jiddependi mill-persuna in kwistjoni – u kif inghad, l-imputat kien ilu jabbuza mill-*ecstasy* ghal diversi snin – u mill-kontenut tal-istonku tieghu. Apparti minn hekk, ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li l-imputat intlemah fl-istabbiliment wahdu jew appartat, ma jista' jwassal lill-Qorti ghall-ebda konkluzjoni. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, f'dan il-kaz il-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* li jrid iwassal sabiex id-dubbju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi m'hemmx provi sufficjenti li jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettati mir-raguni, illi dawn il-pilloli ma kinux ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati biss tal-pussess illegali tal-pilloli *ecstasy*, liema reat huwa kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni (b), jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat illi huwa kien ilu jabbuza mill-*cannabis* fit-tmienja u ghoxrin sena ta' qabel u illi kien jikkonsma madwar zewg *joints* kuljum. Ghaldaqstant, stante illi l-imputazzjoni tirreferi ghad-9 ta' April 2005 u x-xhur ta' qabel, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni (c) ossia dik illi l-imputat kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli ta' nhar it-18 ta' Gunju 2003, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-imsemmija data, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jacob Grech'.[9] Mill-istess sentenza, jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi permezz tal-istess sentenza, l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat fi zmien tlett snin minn dakinhar u dan fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghad-9 ta' April 2005 u ghax-xhur ta' qabel din id-data, ghaldaqstant jirrizulta car illi r-reati kommessi minnu fil-kaz odjern, sehhew fil-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza msemmija. Ghalhekk din l-imputazzjoni ukoll tirrizulta pruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Madankollu, f'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta illi fl-24 ta' Ottubru 2008, huwa nstab hati u gie kkundannat kemm dwar ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 298C tal-Kap. 9, kif ukoll talli kiser kundizzjoni mposta fuqu permezz ta' sentenza tat-18 ta' Gunju 2003. Mill-istess fedina penali jidher illi l-unika sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat fit-18 ta' Gunju 2003, hija dik msemmija fil-paragrafu precedenti. Ghalkemm is-sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2008 m'hijiex esebita fl-atti, biss f'dawn ic-cirkostanzi, la darba jidher illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, diga` trattat mal-imputat dwar il-ksur tal-kundizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza tat-18 ta' Gunju 2003, il-Qorti mhijiex ser titratta mal-imputat dwar ir-reat li tieghu kien instab hati permezz ta' din l-ahhar sentenza. Il-Qorti tqis illi dan id-dubju ghandu jmur favur l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

[9] A fol. 33 *et seq* tal-process.

Illi ghal fini ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet tinkludi diversi kundanni dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kundanna dwar serq aggravat u kundanni ohrajn dwar diversi reati kontravvenzjonali, li kkaguna feriti ta’ natura hafifa (f’zewg okkazzjonijiet) u dwar pussess semplici tal-pjanta *cannabis* (f’okkazzjoni wahda). Qieset ukoll illi apparti r-reat li tieghu nstab hati fit-18 ta’ Gunju 2003 permezz tas-sentenza mertu tat-tielet imputazzjoni, il-kundanni l-ohrajn kollha jirrisalu ghas-snin sebghin u tmenin. Mill-fedina penali aggornata tal-imputat imbaghad jirrizulta illi fis-sena 2008, huwa nstab hati taht l-Artikolu 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar kaz li jirrisali ghas-sena 2004 u fis-sena 2013, instab hati *inter alia* dwar pussess illegali ta’ raza tal-*cannabis* u ta’ *ecstasy* fis-sena 2007. Ma jidhirx illi l-imputat wettaq reati ohrajn mis-sena 2007 il’quddiem.

Il-Qorti qieset ukoll l-ammont ta’ pilloli *ecstasy* misjuba fil-pussess tal-imputat u li l-istess imputat kien ilu jabbuza mill-*cannabis* ghal zmien twil. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, “*Jibqa’ pero` il-fatt inkwetanti tal-ammont tad-droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista’ facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma’ haddiehor jew addirittura ibieghha lil terza …*”. Il-Qorti qieset ukoll illi, kif inghad izjed il-fuq, mill-fedina penali tal-imputat, jirrizulta illi r-reati li dwarhom l-imputat gie kkundannat qabel il-kaz odjern jirrisalu, hlief ghal wahda dwar offiza hafifa fuq il-persuna, ghas-snin sebghin u tmenin u illi din hija t-tielet okkazzjoni li huwa qed jinstab hati ta’ pussess semplici ta’ droga. Ikkunsidrat in oltre illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005 u li l-proceduri twalu ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-imputat. Biss biss ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti f’Jannar tas-sena 2009 u l-ewwel seduta nzammet f’Ottubru tal-istess sena.

F’dan il-kaz, ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi piena ta’ multa lejn il-massimu taghha tkun wahda idonea.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tieghu u qed tilliberah minnha, b'dan illi qed issibu hati tar-reat kompriz u involut ta' pussess illegali ossia semplici tal-medicina msemmija fl-ewwel imputazzjoni u qed issibu hati wkoll tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet ghal piena ta' multa ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra tieghu, u cioe` talli kiser il-liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu fit-18 ta' Gunju 2003 permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda ghar-ragunijiet fuq moghtija, m'hijiex qed tittratta mieghu ghar-reat li dwaru huwa kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut

ammontanti ghas-somma ta’ mitejn u tlettax-il Euro u disgha u disghin centezmu (€213.99), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------